

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 678/2009

tas-27 ta' Lulju 2009

**li jemenda għall-110 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,  
Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprobixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi s-sekwestru ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan,<sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mis-sekwestrar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Lulju 2009.

(2) Fl-20 ta' Lulju 2009, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li ġħalihom għandu japplika s-sekwestrar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi.

(3) L-Anness I għandu b'hekk jiġi emendat f'dan is-sens,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

### Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

*Għall-Kummissjoni*

*Eneko LANDĀBURU*

*Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

## ANNESS

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjonijiet li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandhom jitħassru:

- (1) Nabil Abdul Salam **Sayadi** (sive Abu Zeinab); Indirizz: Vaatjesstraat 29, 2580 Putte, il-Belġju, Post tat-twelid: 1.1.1966. Post tat-twelid: El Hadid, Tripoli, il-Libānu. Ċittadinanza: Belġjana mit-18.9.2001; Tagħrif ieħor: raġel ta' Patricia Vinck; iżżeġewgu fid-29.5.1992 f'Peschawar, il-Pakistan.
- (2) Patricia Rosa **Vinck**, (sive Souraya P. Vinck). Indirizz: Vaatjesstraat 29, 2580 Putte, il-Belġju. Post tat-twelid: 4.1.1965. Post tat-twelid: Berchem (Antwerp), il-Belġju. Ċittadinanza: Belġjana. Tagħrif ieħor: mart Nabil Sayadi.